# Vinċenz Galea
# "Ħajtu ta' tagħlim żgur għalina lkoll"

(F'għeluq il-mitt sena minn twelidu 1894-1994)

Vinċenz Galea "Kien bniedem li meta għad tiġi biex tinkiteb l-istorja tal-Knisja f'Malta tul dan is-seklu, u s-sehem li taw diversi lajċi fit-twettiq ta' tant ħidma fi ħdan tant għaqdiet ta' l-Appostolat, żgur li ismu għad jissemma fost ta' quddiemnett għall-impenn sinċier, sħiħ u kważi totali li tà fis-servizz tal-Knisja ta' Kristu, li tagħha kien iben tassew denn u devot. Għalkemm fiżikament kien bniedem ta' statura pjuttost żgħira, iżda kien jissorprendik bil-volum ta' ħeġġa u enerġija li kienet toħroġ minnu. Fejn jidħol l-Appostolat, ma kienx jaf x'inhu mistrieħ".[2]

Vinċenz Galea twieled il-Belt Valletta fid-29 ta' Jannar 1894, u miet fl-isptar tal-Blue Sisters f'San Ġiljan fit-13 ta' Frar 1974. F'Ġunju 1992 issemmiet triq għalih f'Birkirkara, in-naħa ta' fuq tal-mitħna tal-Vitorja. Kien wieħed minn tal-ewwel li f'Malta bdew jagħmlu l-priedka tal-Milied waqt il-quddiesa ta' nofs il-lejl, u mill-1899 sakemm sar ġuvnott għamel madwar 54 priedka, għaliex, kif kien jgħid hu stess, missieru kien jieħdu minn knisja għal oħra f'diversi nħawi. Imbagħad għal aktar minn tletin sena huwa kien konferenzier fuq suġġetti kattoliċi mill-aktar popolari u mfittex, u f'dan il-kamp għamel ħafna ġid bil-konferenzi u 'lectures' bis-'slides' li tista' tgħid għamel fl-irkejjen kollha ta' Malta u Għawdex; dawn kien jagħmilhom fi knejjes, swali parrokkjali, każini sportivi u tal-baned, il-ħabs ta' Kordin, l-iskejjel, fil-pjazez u t-toroq ewlenin, fix-'shelters' matul il-gwerra, kif ukoll fuq ir-Redifusion. Għalkemm ma kienx Karkariż Vinċens Galea ħadem disinteressatament fost il-poplu Karkariż. Kien bniedem ħabrieki ħafna fl-appostolat tal-lajċi fil-parroċċa ta' Birkirkara, dedikat għax-xogħol u organizzatur mill-aħjar u kulħadd kien jistrieħ ħafna fuqu.[3] Kien minn ta' quddiem nett u l-bidu ta' bosta inizzjattivi reliġjużi fid-distrett, bħalma kien fil-festi kbar li saru fl-1928 f'għeluq is-sittax-il mitt sena mill-mewt ta' Santa Liena, fil-ġbir tal-flus biex issir il-qanpiena l-kbira fl-1930-31, it-twaqqif tal-fergħa tal-ġuvintur ta' l-Azzjoni Kattolika fl-1932 u tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla fl-1931, u s-sehem kbir tiegħu fit-twaqqif taċ-Ċirkolu ta' l-Irġiel 'San Ġwakkin' fl-1945.

Bit-tħabrik tiegħu saret l-ewwel ħidma tal-kunsill parrokkjali li kien il-Ħames



Kungress Nazzjonali tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla li sar b'suċċess kbir fil-parroċċa ta' Birkirkara fl-1933. Hu kien ir-ruħ ta' dan il-kungress li kien wieħed mill-aqwa li qatt kienu saru. Vinċenz Galea kien president tax-Xirka f'Birkirkara bejn l-1932 u l-1946 u għal darb'oħra mill-1963 sal-1968.

Ta' min isemmi l-ftuħ taċ-Ċirkolu 'Sacro Cuore' fi Triq Brared fl-1936 u mbagħad f'numru 2, Pjazza Sant'Elena, fil-lokal fejn qabel kien il-każin tal-banda Duke of Connaught, biex ilaqqa' l-irġiel tax-Xirka u jgħallimhom; il-ftuħ għall-fidili tal-Knisja l-Qadima fejn fl-1937-38 beda jsir il-quddies nhar ta' Ħadd, imbagħad żewġ quddisiet kuljum, u l-funzjonijiet tas-Sibt tal-Madonna ta' Pompei, id-dehriet tal-Madonna ta' Lourdes kif ukoll il-festi ta' Corpus Christi u tal-Qalb ta' Ġesù, u l-eżerċizzi għan-nisa u għall-irġiel.

Ċensu Galea kien akkanit ħafna għall-Knisja l-Qadima tant li biċ-ċajt kienu jgħidulu 'Il-Viċi Parroku tal-Knisja l-Qadima ta' Birkirkara 'già con odore di santità'. Infatti kellu ħafna għal qalbu din il-knisja u dejjem kien ifaħħar l-arkitettura tagħha u jgħid li jixtieq jaraha mibnija mill-ġdid. Kien hu li tħabat biex il-knisja terġa' tibda tinfetaħ kull nhar ta' Ħadd għall-quddies għall-kumdità tan-nies li joqogħdu f'dawk in-naħat. Kien hu li ftiehem mal-pirjol tad-Dumnikani tal-kunvent tar-Rabat biex jibda jibgħatlu saċerdot kull nhar ta' Ħadd biex iqarar u jqaddes. Għal xi żmien Vinċenz Galea kien jieħu ħsieb ukoll il-knisja tal-Vitorja fl-inħawi magħrufa bħala Ħas Sajjied, fejn fl-ewwel ġimgħa tax-xahar daħħal il-quddies b'Ġesù Sagramentat espost. Barra minn dan, għal madwar għaxar snin kien jieħu ħsieb ukoll il-knisja ta' San Pawl ta' Triq il-Wied, fejn xerred id-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Pompei u kien jagħmel il-funzjonijiet tas-Sibtijiet tagħha, kif ukoll is-supplika tagħha f'nofsinhar bħalma jsir fil-knisja tal-Ġiżwiti, il-Belt.